MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Numru 756/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**MARIA CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Caruana ta' 23 sena mwielda Pieta' nhar l-24 ta' Mejju, 1989 bint Saviour u Antonia xebba Mangion, u residenti 24, Jimmy, Flat 1, Triq il-Kullegg, Mosta. Detentrici tal-karta tal-identita Nru 244989(M) giet akkuzata talli fis-6 ta' Marzu, 2012:

1) Iddenunzjat rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar
2) Bil-qerq holqot jew gieghlet li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bilmod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu

Kif ukoll akkuzata talli fis-7 ta' Mejju, 2012:

3) Volontarjament ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamlet hsara fuq diversi oggetti ghad-dannu ta' Vitoria Farrugia, karta tal-identita' numru 956749M, minn Hal Lija, liema hsara komplessiva ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47)

Kif ukoll talli nhar is-17 ta' Marzu, 2012 u fil-granet ta' wara din id-data, f'hinijiet u granet differenti matul il-gurnata:

4) permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika '*mobile*' ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih

5) gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Vitoria Farrugia jew li b'xi mod kienet taf jew messa kienet taf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Vitoria Farrugia u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzata ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PS4 u nnutat li l-imputata Maria Caruana m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 110(1) u (2), 325(1)(b), 251A(1)(a) u (b) tal-Kap. 9 u l-artikolu 45(1)(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Caruana, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Maria Caruana ghall-piena komplessiva ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata Maria Caruana tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Maria Caruana

b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1,000) li zzomm il-kwiet ma’ Vitoria Farrugia ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------